MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2012

Rikors Numru. 96/2012

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu fl-erbgha (4) ta’ Lulju tas-sena elfejn u tlieta (2003) (Dok A anness) u minn relazzjoni li kellhom flimkien, qabel dan iz-zwieg huma ghandhom tifla, M li llum ghandha tmien snin.

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-tletin (30) ta’ Novembru tas-sena elfejn u sitta (2006), u li l-partijiet isseparaw bonarjament permezz ta’ kuntratt (Dok B

anness), awtorizzat mill-Onor. Imhallef Noel Cuschieri fil-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Novembru, elfejn u sitta (2006).

3. Illi m’hemm l-ebda tama ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi barra li ilhom aktar minn hames snin legalment separati, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin, u sahansitra ffurmaw rabtiet ma’ persuni ohrajn.

4. Illi skond il-kuntratt ta’ separazzjoni hawn anness (Dok B), l-esponenti hu obbligat li jhallas is-somma ta’ mija u sitta u tmenin Euro u hamsa u tletin centezmu (€186.35) fix-xahar bhala manteniment ghal bintu minuri u huwa qatt ma kien inadempjenti.

5. Illi skond l-istess kuntratt, il-partijiet, iddekadew/irrinunzjaw, rispettivament ghad-dritt li jitolbu jew jircievu il-manteniment minghand xulxin bl-aktar mod irrevokabbli u assolut.

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien indikat minn din l-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiiet, u sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta’ Marzu, 2012;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta’ Novembru 2006;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi l-intimata kienet iddekadiet mid-dritt taghha li titlob manteniment minghand ir-rikorrenti, kif ukoll illi huwa dejjem ihallas regolarment il-manteniment ghal bintu minuri;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------